MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2011

Numru 357/2008

Il-Pulizija
(Spetturi Elton Taliana u Anna Marie Micallef)
vs
Anthony Abela
Il-Qorti,
Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 109171(M) akkuzat b'diversi atti
maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi,
u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:
I.illi bejn il-lejl ta' 1-20 ta' Frar 2008 u 1-21 ta' Frar 2008, ghal habta ta' nofs il-lejl,
minn gewwa Triq il-Kaccatur ikkommetta serq ta' vettura ta' l-ghamla Hillman
minghajr numru ta' registrazzjoni a detriment ta' Michael Casha mill-Mosta u/jew
persuni ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-hin, il-mezz u bix-xorta tal-haga
misruqa;

2.illi bejn il-gumata tas-27 ta' Frar 2008 ghal habta tas-6.45a.m. u t-28 ta' Frar 2008,
ghal habta tas-6.15a.m., minn gewwa Sqaq Sannat, Marsa, ikkommetta serq ta'
vettura tal-ghamla Fiesta bin-numru ta' registrazzjoni HAC 785 a detriment ta'
Guido Micallef mir-Rabat u/jew persuni ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-hin,
valur li jeccedi l-ammont ta' 233 Ewro izda anqas minn 2,330 Ewro, bil-mezz u bix-
xorta tal-haga misruqa;
3.illi f'Malta xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehudha b'qerq
jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun ndahal biex ibieghhom
jew imexxihom;
4.illi fit-22 ta' Frar 2008, ghal habta tad-9.00p.m., fi Triq Cameron, Gzira, saq
vettura tal-ghamla Hillman bin-numru ta' registrazzjoni IAJ 447, minghajr ma
kienet licenzjata mill-Awtorita' dwar it- Trasport ta' Malta biex tintuza fit-triq;
5.illi fit-22 ta' Frar 2008, ghal habta tad-9.00p.m., fi Triq Cameron, Gzira, saq
vettura tal-ghamla Hillman bin-numru ta' registrazzjoni IAJ 447, minghajr ma
kellu licenzja tas-sewqan mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita' dwar ; , it-Trasport ta' Malta jew minghajr licenzja specifikata, u b'hekk ma kienx kopert
b'polza tas-sigurta' dwar riskji ta' terzi persuni;
6.illi fil-5 ta' Marzu 2008, f' dawn i1-Gzejjer, naqas li jhares xi kondizzjoni imposta
fuqu kif provdut fl-Artikolu 355AL tal-Kap.9;
Il-Qorti mitluba titratta mal-imputat bhala recidiv skond diversi sentenzi moghtija mill-
Qrati Maltin liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;
Rat l-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;
Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni insista anka wara li l-Qorti
taghtu zmien jikkonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;
Ikkonsidrat:
L-imputazzjonijiet jippotizzaw s-serq aggravat ta' zewg vetturi wahda tal-ghamla
Hillman minghajr numru ta' registrazzjoni u l-ohra tal-ghamla Fiesta bin-numru ta'
registrazzjoni HAC 785. Hemm imbaghad l-akkuza ta' ricettazzjoni, li saq il-vettura
Hillman numru ta' registrazzjoni IAJ 447 minghajr ma' kienet licenzjata biex tintuza fit-
triq, oltre li saq tali vettura minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan u konsegwentement ma
kienx kopert b'polza tas-sigurta' dwar ir-riskji ta' terzi. Fl-ahharnett hu akkuzat
b'recidiva u li naqas li josserva xi kundizzjoni imposta fuqu mill-ufficjal tal-kustodja
wara li gie mehlus.
Il-Qorti mhiex ser titratta r-ricettazzjoni billi dan hu reat 'se stante' in altemattiva ghas-
serq.
Mill-bqija pero' hemm l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat fir-rigward
r-reati l-ohra fil-margini tal-akkuzi riportati li fir-rigward il-vettura tal-ghamla Fiesta
huma limitati ghas-serq taghha. Mill-bqija l-imputazzjonijiet jirrizultaw ukoll fuq dik
kontravenzjonali bi ksur tal-Artikolu 355A.L.(3) tal-Kap 9.
Dwar il-piena rat l-Artikolu 18, 261 (b)(f)(g), 263, 264, 270, 271(g), 278(1)(2), 49,50 u
17 tal-Kap 9; l-Artikolu 15(1)(a) u 15(1A) tal-Kap 65; l-Artikolu 3(1)(2)(b) tal-Kap 104.

Tikkundannah sitt xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------